MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54/2022

It-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

**ASSENTI:**

**AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:**
Is-Sur Francesco Saliba

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Is-Sindku qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Daniel Cordina u li l-Viċi Sindku ser tittardja ftit.

54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-minuti tal-laqgħat Nru 51/2022-8, 52/2022-8 u 53/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

54.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

54.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

54.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 51/2002-8, 52/2022-8 u 53/2022-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini ferħet lil Franesco Saliba bħala l-ewwel ambaxxatur taż-żgħażagħ fil-lokalita'. F'isem il-membri awguratlu għal ewwel laqgħa tiegħu fil-Kunsill u għal ħidma sfiqa fil-Kunsill Lokali.

54.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Kunsill ġie nfurmat mir-Reġjun Għawdex rigward il-ġbir ta' skart muniċipali li kien hemm xi appell u għalhekk il-proċess ta' l-offerta kellu jiġi sospiż.

54.3.3 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu sabiex darba kull ħmistax tinfetaħ il-klinika ta' Pjazza l-Assunta għan-nofs ta' nhar ta' filgħodu minn nurse fejn jiġu ċċekjati affarijiet bażiċi bħal pressjoni biex ir-residenti ma joqgħodux jinżlu r-Rabat.

54.3.4 Is-Sindku informat lil membri illi saret il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-pitch tal-boċċi tal-*playing field* taż-Żebbug. Irringrazzjat lil diversi persuni li b'mod volontarju ħadmu biex dan seta' jkun possibli. Proponiet u l-membri qablu li isir *tournament* tal-boċċi. Qablu wkoll li għandhom jinħarġu l-avviżi u jinxtraw ukoll xi premijiet.

54.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti rigward Miżura 3 – FAF 3 – Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons. Spjegat li din hija skema mtella mill-Gozo Action Group li tinvolvi 3 *partners* : Kunsill Lokali, NGO u/jew xi ħadd privat. Infurmat li s-Segretarju tal-Banda tar-raħal infurmuha b'dawn il-fondi Ewropej. Għalhekk proponiet u l-membri qablu sabiex isir proġett ħolistiku sabiex jiġu restawrati x-xelters tal-ġwerra fid-daħla tar-raħal li jagħtu merħba aktar xierqa lil min iżur il-lokalita', iservu ta' attrazzjoni turistika u iservu ta' spazzju għal esebizzjonijiet artistiċi. Proponiet ukoll u l-membri qablu li l-Kunsill jidħol f'*partnership* mas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija fejn huma jiksbu fondi sabiex ikomplu jirranġaw il-każin u b'hekk il-każin ikun post li t-turisti jżuru filwaqt li l-Kunsill jirrestawra x-xelters tal-gwerra. Qablu wkoll li ssir *heritage trail* fejn permezz ta' *mobile app* wieħed ikun jista' jimxi/idur ġewwa raħalna u jżur postijiet storiċi. Qablu wkoll li l-artist Mario Cassar ikun il-konsulent dwar il-proġett tax-xelters. Infurmat lil membri li l-proġett irid ikun lest sa Settembru 2023.

54.3.6 Rigward lejliet il-Festa tar-raħal is-Sindku nfurmat lil membri li ġiet avviċinata mill-Għaqda tan-nar tar-raħal sabiex bħas-sena l-oħra jingħataw €10,000 fondi Reġjonali sabiex ikun jista' jittella' l-ispettaklu tan-nar f'lejliet il-festa. Kompliet tgħid illi l-għaqda diġa wkoll għamlu kuntatt tal-Kunsilliera Nicky Saliba u Baskal Saliba f'dan ir-rigward u qalet li din is-sena mhix ser toħroġ skema Reġjonali. Is-Sindku proponiet fuq talba ta' l-Għaqda tan-Nar u l-membri qablu li l-Kunsill japplika għal fondi fuq loġistika mal-Gozo Cultural Events Funds sabiex kemm

jista' jkun il-Kunsill ikun ta' għajnuna. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li jispera li ma jeħilx hu li mhux ser jieħdu l-fondi li talbu għalihom. Is-Sindku sostniet li ħadd m'għandu kontroll x'jgħidu n-nies u li huma qedgħin hawn hawn biex jgħinu lir-raħal tagħna.

54.3.7 Is-Sindku infurmat lil membri li saret laqgħa mal-Perit fuq il-post rigward ir-*railing* ta' Għar Qawqla peress li kien għoli mill-art. Fuq parir tal-Perit dan ir-*railing* tbaxxa u issa intogħġob mir-residenti. Rigward ir-*railing* t'isfel qed isiru d-diskussjonijiet mal-Perit.

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech skużat ruħha li ttardjat u daħlet fil-kamra fid-9.20 ta' filgħodu.

54.4 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report;*

54.4.1 Hawn is-Sindku stiednet lil Accountant tal-Kunsill sabiex jingħaqad virtwalment mal-kamra. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet ir-rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena (Jannar – Marzu 2022) lil membri tal-Kunsill. Hawn l-accountant spjega li l-Kunsill kellu dħul ta' €171,000 li jiġu mill-allokazzjoni u dħul ieħor bħal permessi etc. Kompla jgħid li l-ispejjes qedgħin konformi mal-budget. Qal li kien hemm biss qabża fil-pagi minħabba r-reviżjoni fil-pagi tas-Segretarji Eżekuttivi u għalhekk kellhom jingħataw arrettrati ta' sentejn. Kompla jgħid li ukoll reġgħet daħlet mal-Kunsill l-Asst. Prinċipal tal-Kunsill u għalhekk dawn kienu spejjes li ma humiex inklużi fil-budget. Qal li kien hemm *surplus* ta' €10,000 minn Jannar sa Marzu u għalhekk il-Kunsill spiċċa b'*working capital* ta' €52,000 jiġifieri b'FSI +9%. Feraħ lil Kunsill illi qed jimxi bi pjan u prinċipji tajbin. Fehem li hu normali li jkun hemm ċaqliq minn kull *quarter* għal ieħor.

Rigward il-*Management letter* l-accountant informa lil membri li l-Audit tat-2021 huwa komplut. L-awdituri ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill rigward 2 *grants* li kienu għadhom ma daħlux il-fondi tagħhom u riward il-bilanċ pendenti li l-Kunsill għandu jieħu mill-Wasteserv.

Is-Sindku Dr Marlene Cini rringrazzjat lil Accountant ta' l-ispjega tiegħu u ħalla l-laqgħa fid-9.30 ta' filgħodu.

54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

54.5.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

54.5.1.1 Talbet sabiex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex jeħel ir-*railing* fil-Menqa fejn il-gabbana tal-ġelat. Il-membri qablu.

54.5.1.2 Infurmat lis-Seg. Eżekuttiv illi hemm bozza maħruqa fi Triq is-Sajjied sabiex titranġa. Se tieħu azzjoni.

54.5.1.3 Talbet sabiex titwaħħal tabella biex ma jintremiex skart fejn kaxxa tal-parkeġġ fi Triq il-Qbajjar peress li ma jkunux jistgħu jipparkjaw minħabba l-iskart.

54.5.1.4 Staqsiet rigward il-*bye law* ta' Marsalforn. Hawn is-Sindku nfurmata illi d-DLG talbu għal kjarifika u issa l-Kunsill qed jistenna risposta mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

54.5.1.5 Issuġġeriet sabiex teħel tabella taħt il-blokki f'Marsalforn 'no peeing'. Is-Sindku infurmata li diġa tkellmet mas-CPT f'dan ir-rigward u ma nkuraġewiex peress li jekk ma jinqabdux fil-fatt min jagħmel ir-reat tkun għalxejn.

54.5.1.6 Talbet sabiex titpoġġa tabella tarmix żibel fil-kantuniera fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

54.5.1.7 Staqsiet rigward Ġnien Tlett Għoljiet. Is-Sindku nfurmatha li l-Ministeru għal Għawdex ħarġu l-offerti.

54.5.1.8 Talbet sabiex jiġu mfakkra l-Ministeru għal Għawdex sabiex jeħel bank fejn l-Otters. Ser tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex.

54.5.1.9 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin f'Marsalforn u jsir aktar knis speċjalment fi Triq il-Forn. Ser issir talba lil Ministeru għal Għawdex.

54.5.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:*

54.5.2.1 Rigward Triq iż-Żebbuġ fejn iċ-ċimiterju. Qal li issa l-Kunsill laħaq kull limitu rigward l-ittranġar ta' dik il-parti tat-triq. Informa lil membri li l-ġurnata ta' qabel waqgħet karozza għal isfel. Propona sabiex jew titranġa mill-Kunsill jew bla aktar dewmien issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa. Kompla jgħid li jekk ma titranġax, il-Kunsill jirranġuha għas-spejjes tiegħu. Is-Sindku nfurmatu li ser tivverifika mal-Ministeru għal Għawdex f'hiex waslet din it-talba. Sostna li hemm bżonn urġenti li ssir u għalhekk issir mill-fondi tal-Kunsill.

54.5.2.2 Staqsa jekk ġietx ħaddiema mara tas-CWS taħdem mal-Kunsill u jekk iva x'inhu xogħolha. Hawn is-Sindku infurmatu li kienet infurmat lil membri bl-ingaġġ ta' din il-ħaddiema f'laqgħa preċedenti u li din tnaddaf madwar il-lokalita'. Infurmatu wkoll li meta tasal il-vettura elettrika din ser tkun qed isuqha.

54.5.2.3 Talab għal spjegazzjoni rigward l-infiq tax-Xwejni Music Fest. Hawn ġie infurmat illi l-Kunsill ser jieħu €30,000 mill- Gozo Cultural Events Funds.

54.5.3 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

54.5.3.1 Ġibed l-attenzjoni li t-trinka li saret fi Triq il-Qbajjar minn kuntrattur privat ma saritx sew u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kuntrattur f'dan ir-rigward. Is-Sindku wieġbet li diġa kien hemm komunikazzjoni mal-kuntrattur f'dan ir-rigward u ser jerġa jiġi kkuntatjat f'dan ir-rigward.

54.5.3.2 Fakkar sabiex titranġa r-rampa fi Triq il-Plejju mill-ħaddiem tal-Kunsill. Ġie infurmat li ser isir fil-jiem li ġejjin.

54.5.3.3 Rigward il-ħajt fi Triq ta' Ċikku. Is-Sindku infurmatu illi ċċekjat jekk il-ħajt li qed jintalab jittella' hux privat u rriżulta li hu privat u anke fehmet lis-sid.

54.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

54.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv qrat ittra minn CS Legal rigward t-talba tal-klijenti tiegħu għal xogħlijiet fi Triq il-Ponta. Dan talab il-Kunsill sabiex isiru x-xogħlijiet meħtieġa peress li l-Kunsill m'għadux f'qadgħa finanzjarja ħażina. Is-Sindku qalet li il-Kunsill jara kif ser imexxi. Il-Viċi Sindku qalet li hi m'għandhiex xi twieġeb fuq din. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li aħjar tittieħed deċiżjoni peress li l-kwistjoni ser tibqa' sejra. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu jastjeni minn kull deċiżjoni minħabba l-problemi li għandu mar-resident u ma jridx jidħol f'argurmenti oħra. Kien hemm qbil fost il-membri li l-Kunsill għandu xogħol aktar urġenti minn din it-triq u li għadhom ma sarux. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li għandha tintbgħat tweġiba ta' l-ittra bl-Avukat tal-Kunsill.

54.6.2 Korrispondenza mingħand id-DIER rigward ir-riżenja ta' l-Asst. Prinċipal tal-Kunsill u li l-Kunsill ġie infurmat illi peress li ma ħadmitx id-90 ġurnata kif stipulat fil-kuntratt tagħha trid tħallas tad-90 ġurnata notice. Is-Sur Nicky Saliba u s-Sur Baskal Saliba urew l-opinjoni li din m'għandhiex tħallas għal dawn il-ġranet u għalhekk għandu jinstab kumpromess. Is-Sindku fakkret lil membri li dawn huma fondi pubbliċi u qalet ukoll li din irriżenjat ħabta u sabta. Qalet li kemm id-DIER u kemm l-Avukat tal-Kunsill taw l-istess parir. Il-Viċi Sindku qalet li ferħana li l-Asst. Prinċipal sabet xogħol ieħor pero' sostniet li l-Kunsill għandu jimxi mal-ligi. Is-Sindku talbet sabiex jittieħed vot f'dan ir-rigward. Is-Sindku vvutat li l-Kunsill għandu jimxi mal-parir tad-DIER, mad-DLG u mal-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill u għalhekk id-90 ġurnata notice għandhom jitħalsu mill-Asst. Prinċipal lil Kunsill. Il-Viċi Sindku vvutat ukoll favur li għandhom jitħallsu. Il-Kunsillier Nicky Saliba kien kontra li jitħalsu u li għandu jinstab kompromess. Il-Kunsillier Baskal Saliba kien ukoll kontra li jitħallsu u li jinstab kompromess. Billi ġew tnejn kontra tnejn, is-Sindku tefgħet il-*casting vote* tagħha għalhekk

għaddiet illi l-Asst. Prinċipal għandha tħallas tad-90 ġurnata notice.

54.6.3 Rigward korrispondenza mingħand il-*Lifelong Learning courses.* Dawn talbu sabiex il-korsijiet isiru s-Sibtijiet filgħodu mit-8 sal-11 ta' filgħodu. Il-Kunsill ser jinforma lill-għalliema li nkitbet sabiex tagħmel dawn il-korsijiet.

54.6.4 Talba minn grupp ta' artisti lokali sabiex tittella' attivita' f'Marsalforn il-Ħadd, 31 ta' Lulju fis-7.30 ta' filgħaxija. Saret talba sabiex din issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li tingħata is-somma ta' €300 għal din l-attivita' peress li ser issir b'fund raising għal Arka.

54.6.5 Cirkulari SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-membri qablu li għandu jiġi ċċekjat mal-Ministeru għal Għawdex sabiex fil-kax issir applikazzjoni għal Gnien Tlett Għoljiet.

54.6.6 Talba mill-Ministeru għal Għawdex għal European Mobility Week campaign. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu sehem billi tintuża l-vettura elettrika tal-Kunsill.

54.6.7 Ittra mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija rigward *feature* audio-viżiv marbut mar-raħal u serata u BBQ mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex jinħareġ il-programm. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jistenna mill-Arċipriet. Il-membri qablu li jsir bħas-snin l-oħra.

54.6.8 Email sabiex tinżebagħ mill-ġdid il-parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' fi Triq Ulisse, Marsalforn. Il-membri qablu.

54.6.9 Ittra mir-Rettur tal-Knisja San Pawl – Marsalforn rigward il-purċissjoni fil-festa tal-kwaranturi f'Marsalforn. Il-membri qablu li jitqabbad uffiċċjal ta' Transport Malta u jekk jista' jkun tinbidel id-data peress li lejliet Santa Marija.

54.6.10 Email mir-Reġjun Għawdex – Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ikkwalifika għal €3,500.

54.6.11 Ittra minn sid ta' għalqa fi Triq is-Salini rigward ix-xiri ta' l-għalqa tiegħu sabiex tingħata lil gvern sabiex issir triq. Il-membri nnotaw il-kontenut pero qablu li din trid tissolva privatament u l-Kunsill ma jidħolx fiha.

54.6.12 PA/08021/19 – Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar. Il-membri nnotaw il-kontenut.

54.6.13 Il-bord t'Evalwazzjoni għal offerta ZGLC/02/2022 – Tender for the Removal of an Existing Wrought iron railing and the Manufacturing and installation of composite railing at Triq Santa Marija, Marsalforn Gozo. Il-membri qablu mal-proposta tal-bord t'evalwazzjoni li għandha tingħata lil Gokker Ltd għal prezz ta' €69,795.

54.6.14 Ittri minn Transport Malta għal *no objection* tal-Kunsill rigward parkeġġi riservati għal persuni b'dizabilita:-

- Talba għal parkeġġ riservat fi Triq Skappuċċina
- Talba għal personalized parking bay fi Triq Ħabel it-Twil
- Talba għal parkeġġ riservat fi Triq il-Lampuka

Il-membri qablu.

54.6.15 Ilment Nru 37/2022
Talba sabiex issir tabella *one way except residents* fi Triq il-Wied.

Il-membri qablu li ssir talba ma' Transport Malta.

54.6.16 Ilment Nru 33/2022
Talba sabiex iż-żewġ bozzoz tal-istreet lighting li hemm fi Triq il-Munġbell jinbidlu u jsiru kollha kulur wieħed.

Il-membri qablu.

54.6.17 Ilment Nru 34/2022
Ilment li r-*railing* ta' Għar Qawqla għoli ħafna.

Dan diġa ġie tranġat fuq parir tal-Perit tal-Kunsill. (Ara punt 54.3.7

54.6.18 Ilment Nru 35/2022
Talba sabiex terġa tinżebagħ il-un/loading fi Triq il-Qbajjar.

Il-membri qalbu sabiex jiġi sottomess ritratt qabel ma tittieħed deċiżjoni.

54.6.19 Ilment Nru 36/2022
Talba sabiex id-disabled parking bay li hemm fi Triq Ħabel it-Twil tersaq 5 piedi peress li qedgħa quddiem drive way.

Il-membri talbu sabiex jiġi sottomess ritratt u tintbgħat talba lil Transport Malta.

54.6.20 Ilment Nru 37/2022
Talba sabiex titranġa għatba mal-bankina.

Il-membri talbu sabiex jiġi sottomess ritratt sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

54.6.21 Ilment Nru 38/2022
Sabiex issir bankina ġdida fi Triq ta' Barda

Il-membri qablu li għandha ssir talba mal-Gozo LC Works.

54.6.22 Ilment Nru 38.1/2022
Talba għal bozza ġdida fi Triq id-Duluri

Il-membri qablu li teħel *floodlight* proviżorja.

54.6.23 Ilment Nru 38.2/2022
Talba sabiex titranġa bankina fi Triq il-Forn u terġa tinżebagħ il-parkeġġ riservat quddiem il-flat tagħha.

Il-membri qablu li l-bankina għandha titranġa pero il-Viċi Sindku qalet li hemm qatt ma kien hemm parkeġġ riservat.

54.6.24 Ilment Nru 38.3/2022
Ilment rigward il-ħaxix ħażin fi Triq ta' Tuttiet

Il-membri qablu li dan għandu jinqata'.

54.6.25 Ilment Nru 38.4/2022
Talba sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem l-ispiżerija fi Triq il-Wied u jintbgħat kennies fi Triq Miġel il-Baħar.

Il-membri qablu.

54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 35/2022 għall-perjodu ta' Ġunju 2022 li tammonta għal €79,642.42 ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

54.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-10.30 ta' filgħodu u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 27 ta' Lulju 2022 fid-9.30 ta' filgħodu.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv